# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 16



**Permezz tar-Rużarju ta' Marija, huwa possibbli għalina li nikkontemplaw il-meravilja tas-Salvazzjoni tagħna maħduma minn Alla għalina.**

**Fil-Misteri tal-Ferħ – tinfetaħ quddiemna l-Ġrajja tal-għaġeb tal-Inkarnazzjoni – It-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa ssir Bniedem bħalna f'kollox barra mid-dnub.**

**Waqt li jibqa' Alla jsir Bniedem – id-Divinità tilbes fuqha l-Umanità.**

**Il-Kollox jieħu fuqu x-Xejn tagħna !**

**Din hija Opra Trinitarja – huwa l-Missier li jibgħat lil Ibnu li jsir tad-demm u l-laħam fil-ġuf safi tax-Xbejba ta' Nazaret bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. U hawn iseħħu żewġ meravilji kbar :**

**L-UNJONI IPOSTATIKA u**

**l-MATERNITÀ DIVINA**

**L-Unjoni Ipostatika – jiġifieri – li fil-Persuna ta' Ġesù, hemm żewġ naturi ; dik Divina u dik Umana ;**

**Il-Maternita' Divina – jiġifieri – Marija ssir Omm Alla – għax dak li tnissel fiha hu min-naĦa ta' Alla mingħajr intervent ta' raġel.**



**Waqt li tkun tikkontempla l-Misteri tal-Ferħ, żomm f'moħħok dawn l-egħġubijiet li Alla niseġ għas-salvazzjoni tagħna u adura.**

## TIGGVERNA BIR-RUŻARJU



**Maria Corazon Aquino**
**1933 2009**

**Wara l-assassinju ta' żewġha laħqet President tal-Filippini u ntemmet id-dittatura ta' Marcos. Il-folol kienu sfidaw it-tankijiet fit-toroq bil-kuruni tar-Rużarju f'idejhom, bix-xbihat tal-Madonna u Slaleb u fjuri li bdew joffruhom lis-suldati fuq it-tankijiet u l-barrikati. Rivuluzjoni paċifika kollha imħabba u fraternità.**

**"Inħobb ir-Rużarju li ngħidu ta' kuljum flimkien fil-familja, fuq kollox fil-mumenti ta' kriżi u ta emerġenza, bil-fiduċja li nkunu mismugħin. Nitlob fil-għodu u fil-għaxija u dejjem meta nkun qed nieħu xi deċiżjoni mportanti. Alla qatt ma naqas li jgħinni; jiena naf li nista' nkompli nistrieħ fuq l-għajnuna tiegħu kemm-il darba nibqa' umli u fiduċjuża. Meta tafda fih biss kollox imur tajjeb. Jien u pajjiżi nimxu 'il quddiem, jekk nibqgħu nafdaw fih".**